**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 8 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 1049/01 AJD**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Aloisio sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Francis Aloisio**

**vs**

**Etienne Mifsud u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Novembru, 2001, giet kjamata in kawza Tanya Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Settembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sbatax il-lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm1417.15), rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta' Marzu, 1999, f'Dun Karm By-Pass, Msida, bejn il-vettura numru JAX 919 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KAM 135 propjeta' tal-assikurat Francis Aloisio u misjuqa minn Pierre Aloisio, previa d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament

tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-tarffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 2000, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut Etienne Mifsud fejn eccepixxa li t-talbiet attrici kellhom jigu michuda billi ghall-incident de quo kien unikament responsabbli Pierre Aloisio u jew Tanya Vassallo izda bl-ebda mod ma kien responsabbli l-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' John Lentini, PS 497 Alfred Fabri, Pierre Aloisio u l-konvenut Etienne Mifsud.

Ra d-digriet tad-9 ta' Novembru, 2001, fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Tanya Vassallo.

Ra li nonostante li l-kjamata in kawza giet debitament notifikata, hija naqset milli tidher jew tipprezenta risposta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha minn elf, erba' mija u sbatax il-lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm1417.15), ghal elf, mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1282.65).

Ikkunsidra:
1. Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Marzu, 1999, gewwa Dun Karm By-Pass, l-Imsida, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAM 135 misjuqa minn Pierre Aloisio, il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAX 919 misjuqa mill-konvenut Etienne Mifsud u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAH 173 misjuqa mill-kjamata in kawza Tanya Vassallo.

2. Illi Pierre Aloisio xehed li waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAM 135 f'Dun Karm By-Pass, hiereg mill-mina ta' Santa Venera u sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida, u qed isuq wara vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAX 919 b'distanza ta' vettura bejniethom, ra vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAH 173 hierga minn fuq STOP SIGN fuq in-naha tax-xellug tieghu direttament ghal fuq il-'fast lane' u imbaghad tahbat mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAX 919. Pierre Aloisio, bhala konsegwenza baqa' diehel minn fuq wara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAX 919.

3. Illi l-konvenut Etienne Mifsud xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjohni JAX 919 fil-karreggjata ta' barra meta f'daqqa wahda il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAH 173 baqghet hierga minn fuq STOP SIGN direttament fuq il-karreggjata ta' barra u mblukkatlu l-karreggjata. Huwa hass daqqa minn quddiem u daqqa fuq wara u l-vettura tieghu iddur. Id-daqqa fuq wara kienet giet ikkawzata mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAM 135.

4. Illi Tanya Vassallo, is-sewwieqa bin-numru tar-registrazzjoni EAH 173 ma prezentatx risposta u l-anqas ma dehret fis-seduti quddiem dan it-Tribunal. Fil-verzjoni li hija tat lis-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, hija tghid li kienet qed tipprocedi f'Valley Junction u malli waslet kantuniera ma' Santa Venera By-Pass waqfet u waqt li kienet wieqfa, il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAX 919 li kienet qed tipprocedi ghan-nizla f'Santa Venera By-Pass baqghet diehla fil-vettura taghha u mbuttata madwar sittax il-pied ghal mal-'boundary barrier'.

5. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-kawza prossima tal-incident kien is-sewqan traskurat u perikoluz tal-kjamata in kawza Tanya Vassallo li qabdet u harget minn fuq STOP SIGN ghal fuq arterja principali bhal B'Kara By-Pass minghajr ma zammet 'a proper lookout'. Kif intqal aktar il-fuq, hija xehdet li kienet wieqfa fuq l-Istop Sign meta sehh l-incident, izda din il-verzjoni hija inverosimili ghal zewg ragunijiet:-
(i) Il-posizzjoni tal-vettura ta' Vassallo kif tidher fl-iskizz turi bic-car li hija kienet harget minn fuq l-Istop Sign u kienet qabdet il-karreggjata ta' barra meta sehh l-impatt.
(ii) Inoltre z-zewg sewwieqa l-ohra, it-tnejn ikkonfermaw li raw lil din il-vettura hierga minn fuq l-Istop Sign u dan kemm 'a tempo vergine' u cioe' fil-verzjoni li taw lis-Surgent li nvestiga l-kaz, kif ukoll fix-xhieda taghhom quddiem dan it-Tribunal.

6. Illi t-Tribunal jiddikjara l-kjamata in kawza unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza.

7. Illi ma kienx hemm kontestazzjoni in kwantu jirrigwarda l-'quantum' tad-danni reklamati mis-socjeta' attrci u inoltre l-istess socjeta' attrici esibiet id-debiti ricevuti (vide fol. 12 et seq).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Etienne Mifsud mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talba attrici kif ridotta fil-konfronti tal-kjamata in kawza Tanya Vassallo u konsegwentement jikkundanna lill-istess kjamata in kawza thallas lis-

socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1282.65), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tan-notifika tal-kjamata in kawza bl-avviz tat-talba.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Mejju, 2000, jithallsu nterament mill-kjamata in kawza skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**